MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 114/2014

**A B**

**f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri M T**

**-vs-**

1. **C D**
2. **Avukat Dr. Noel Bartolo u l-PL Alison Wadge b'digriet tal-5 ta' Awwissu 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ibrahim M T**
3. **Direttur Tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-esponenti hija legalment sseparata mill-assenti Ibrahim M T liema separazzjoni giet pronunzjata formalment bis-sahha ta' sentenza bis-sahha ta' sentenza tal-24 ta' Mejju 2011 rikors guramentat numru 166/09/AF ara Dok. "A";
2. Illi l-esponenti kienet dahlet f'relazzjoni ma' C D bil-konsegwenza li twieled tifel bl-isem M;
3. Illi skond certifikat tat-twelid tal-minuri l-istess minuri gie indikat bhala bin il-konvenut assenti Ibrahim M T meta fil-fatt il-missier naturali jigi wild C D; Ara Dok. "B";
4. Illi di piu u biex jigi eliminat kull dubbju f'dan ir-rigward saru testijiet necessarji tad-DNA fejn hareg rapport fit-23 ta' Novembru 2010 liema rapport jikkonferma li l-missier biologiku tat-tifel M hu C D; Ara Dok."C"
5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi il-konvenut Ibrahim M T mhux il-missier naturali tal-minuri M maghruf bil-kunjom T.

Talbet in vista ta' dak kollu premess il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Prevja kull dikjarazzjoni u kull test necessarju bl-opera okkorrendo ta' periti nominandi biex jikkonduci testijiet generici u xjentifici kif kontemplat fil-Kodici Civili u tiddikjara li l-minuri M mhuwiex iben Ibrahim M T imma wild C D;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-imsemmi M maghruf bil-kunjom T li jgib in-numru progressiv 2636/10 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att tat-twelid sabiex il-konvenut Ibrahim M T jigi kkancellat u sostitwit bl-isem C D billi :

(a) fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew ismijiet li bih/bihom li t-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'T'; u jinbidel bil-kunjom 'D' sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jaqraw M D;
(b) Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier il-minuri M tikkancella l-isem Ibrahim M T u tbiddlu bl-isem "C D";
(c) Fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument tal-identita` tal-missier M f'lok 26760(A) jitnizzel 118776(M);
(d) Fil-kolonna fejn hemm indikat l-eta` ta' missier M flok tnejn u tletin (32) jitnizzel erbgha u tletin (34);
(e) Fil-kolonna fejn hemm indikat post tat-twelid ta' missier M flok Tripoli jitnizzel Pieta`
(f) Fil-kolonna fejn hemm indikat ir-residenza ta' missier M flok St. Paul's Bay jitnizzel Qawra;
(g) Fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier patern u jekk hux haj jew mejjet flok Nagib Tarthoni (Dead) jitnizzel Nazzareno D (haj).

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikorsi tal-kuraturi kontra l-konvenut li lkoll huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata ta' C D li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni ma' A B ghal diversi snin ;
2. Illi minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu M T li llum ghandu erbgha (4) snin ;
3. Illi l-esponenti jaf li huwa l-missier bijologiku tat-tifel u m'ghandu ebda oggezzjoni li jigi hekk dikjarat fuq ic-certifikat taz-zwieg ;
4. Illi gia giet intavolata kawza li giet dezerta bin-numru 313/2011 u hemm il-provi kollha relatati ma' dan il-kaz inkluz id-DNA u b'hekk qieghed jintalaq li tigi annessa il-kawza 313/2011 ma' din il-kawza;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Alison Wadge fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ibrahim M T li permezz taghha eccepew ;

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrisservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull infomazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati.
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri M T, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri M T *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar is-16 ta' Awwissu 2010 twieled fiz-zwieg (*stante* li s-separazzjoni personali bejn l-attrici A B u l-intimat assenti Ibrahim M T giet pronunzjata permezz ta' sentenza datata l-24 ta' Mejju 2011[1]) u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat assenti Ibrahim M T, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iheor Ray D. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza l-attrici qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-assenti Ibrahim M T m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor C D.

Min-naha tieghu, l-intimat C D jaqbel ma' tali talba u jikkonferma li l-minuri huwa ibnu naturali.

[1] Ara s-sentenza esebita a fol 5 tal-process

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat Ibrahim M T imma l-wild ta' C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet ippruvata.

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieled fiz-zwieg *stante* li s-separazzjoni taghha u tal-intimat giet pronunzjata nhar l-24 ta' Mejju 2011, ghalkemm l-istess partijiet kienu diga' separati *de facto*. Tghid li fl-isfond tas-separazzjoni taghha minn mal-intimat assenti (li sadanittant tghallmet li kien bena familja ohra gewwa l-Libja), bdiet relazzjoni mal-intimat C D. Frott ta' din ir-relazzjoni, twieled il-minuri M izda meta giet ghar-registrazzjoni tal-istess wild, dan kellu naturalment jitnizzel bhala iben l-intimat assenti ghal ragunijiet ta' presunzjonijiet legali u xejn aktar. Ir-rikorrenti tghid li hi u l-intimat C D jridu jirregolaw il-posizzjoni taghhom u ghal dan il-ghan resqu wkoll sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici li rrizultaw fil-posittiv. Min-naha tieghu, C D jaqbel ma' dak li tghid l-attrici u dan anke abbazi tar-rizultat tad-DNA li kkonferma li l-imsemmi C D huwa l-missier naturali tal-minuri M.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri M verament mhux il-wild naturali tal-intimat Ibrahim M T *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat l-iehor C D gie kkonfermat li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tal-

[2] Esebit a fol 60 tal-process

intimat Tarhino. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat Ibrahim M Tarhino.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presunzjonijiet legali msemmija minnu stess.

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[3] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri M huwa proprju C D u mhux Ibrahim M T.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat T m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li c-certifikat tat-twelid tieghu ma jkunx jindika persuna li huwa missieru meta huwa evidenti li dan m'huwiex, specjalment meta l-missier biologiku huwa maghruf u jixtieq li jirrikonoxxih bhala ibnu naturali.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

[3] Esebit a fol 51 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri M, m'huwiex iben l-intimat assenti Ibrahim M T imma l-wild naturali ta' C D;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet kollha skont kif mitlub fit-tieni talba u skond id-dettalji hemm elenkati.
Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------